# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR SIMONE GRECH
## B.A., LL.D., M. Jur. (Eur Law),
## Dip. Trib. Eccles. Melit.

### Rikors Numru: 107/2014 SG

### Joseph Grech

### vs

### Emanuel Gauci

**Illum il-Ħamis, 4 ta' Mejju 2023**

Il-Qorti,

Rat r-rikors ippreżentatat mir-rikorrenti nhar il-31 ta' Diċembru 2014, fejn ġie premess u mitlub is-segwenti:

1. *Illi nhar is-sitta (6) ta' Gunju tal-elfejn u erbatax (2014) waqt li l-attur kien qiegħed isuq il-motocycle tiegħu b'registrazzjoni amerikana li iggib in-numru 54 FT28, fi Triq Fortunato Mizzi Victoria, Ghawdex, huwa kien involut f'incident awtomobilistiku meta safa investit u mtajjar mil-vettura tal-konvenut tal-marka Toyota bin-numru ta' registrazzjoni HBD 574, misjuqa mill-istess konvenut;*

2. *Illi dan l-incident awtomobilistiku sehh unikament tort u htija tal-konvenut, minhabba negligenza, traskuragni, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu,*

*b'mod partikolari minhabba nuqqas ta' proper lookout minn naha tieghu, meta kien qed jaghmel manuvra azzardata;*

3. *Illi kawza ta' dan l-accident l-attur sofra danni fuq il-vettura tieghu kif ukoll sofra griehi ta' natura permanenti fuq il-persuna tieghu kif se jigi spjegat ahjar tul is-smiegh ta' din il-kawza;*

4. *Illi allura kawza ta' dan l-attur sofra diversi danni, konsistenti kemm f'danni ingenti, kif ukoll f'lukri cessanti;*

5. *Illi l-attur irid jigi kkompensat ghal dawn id-danni u minkejja diversi interpellazzjonijiet, kemm il-konvenut kif ukoll l-assikurazzjoni tieghu naqsu milli jersaq ghal xi likwidazzjoni jew ghal l-anqas jirrispondu;*

6. *Illi dan ir-rikors qed isir u qed jigi kkonfermat bil-gurament mill-attur Joseph Grech, li ghandu konoxxenza vera u propja tal-fatti li taw lok ghal din il-kawza.*

*Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex:*

1. *Tiddikjara illi l-incident fuq imsemmi li sehh fis-sitta (6) ta' Gunju tal-elfejn u erbatax (2014), fi Triq Fortunato Mizzi Victoria, Ghawdex, sehh unikament tort u htija tal-konvenut;*

2. *Tiddikjara illi fl-imsemmi incident l-attur sofra danni ingenti, kif ukoll lukri cessanti;*

3. *Tillikwida dawk id-danni kollha sofferti mill-attur, u dan kemm fir-rigward ta' danni ingenti, kif ukoll lukri cessanti.*

4. *Tikkundanna lill-konvenut ihallas dawk id-danni hekk likwidati*

*Bl-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali ta' Dicembru tas-sena elfejn u erbatax (2014); u ta' l-ittra interpellatorja tat-30 ta' Ottubru 2014. Bl-ingunzjoni tal-konvenut minn issa ghas-subizzjoni.*

Ra r-risposta tal-intimat ta' l-20 ta' Frar 2015 fejn ġie eċċepit is-segwenti:

1. *Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur, u dan stante li l-incident de quo ma sehhx b'xi tort imputabli lill-eccipjenti;*

2. *Illi konsegwentament, ma hemm ebda danni li ghandu jaghmel tajjeb ghalihom l-eccipjenti;*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat li din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti hekk kif ippreseduta.

Rat il-verbal tat-18 ta' Marzu 2015 permezz ta' liema din il-Qorti kienet innominat lil esperti mediċi Carmel Sciberras u Dr. Franco Mercieca sabiex jeżaminaw lir-rikorrenti;

Rat ir-rikors tad-dentist Dr. Franco Mercieca fejn talab li jiġi sostitwit b'dentist ieħor minħabba pressjoni ta' xogħol, liema inkarigu ġie revokat permezz ta' digriet tad-29 ta' April 2015;

Rat ir-Rapport imressaq mill-Perit Mediku Carmel Sciberras MD FRCS fit-8 ta' Mejju 2015 u r-risposti għad-domandi in eskussjoni a folio 442 tal-proċess;

Rat il-verbal ta's-16 ta' Frar 2016 fejn din il-Qorti nnominat lill-Perit Tekniku Dr. Joseph Xuereb;

Rat ir-Rapport ppreżentat mill-Perit Mediku Dr. Joseph Xuereb nhar it-13 ta' Marzu 2018 kif ukoll ir-risposti in eskussjoni a folio 402 tal-proċess.

Rat in-nomina ta' l-Espert Max Xuereb tat-13 ta' Lulju 2017 sabiex jikkonverti l-filmat ta' l-inċident fuq sistema Ewropeja u/jew jieħu stills ta' l-inċident f'każ li dan mhux possibli;

Rat li n-nomina ta' l-Espert Max Xuereb ġiet espletata bil-preżentata ta' nota flimkien ma żewġ CDs nhar is-17 ta' Mejju 2022;

Rat ir-rapport ta' l-inċident a folio 27 sa 32 tal-proċess;

Rat id-DVD li juri d-dinamika ta' l-inċidenti;

Rat ix-xhieda kollha;

Rat id-dokumenti kollha eżebiti.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-atturi fl-10 ta' Diċembru, 2018 u dik tal-konvenut tal-20 ta' Diċembru, 2018.

Rat illi fil-verbal tas-27 ta' Ottubru 2022, il-Qorti ġiet infurmata li l-konvenut Emanuel Gauci għadda a miglio vita nhar it-28 ta' Settembru 2022;

Rat li minkejja li għaddew iktar minn sitt xhur mill-mewt *pendente lite* ta' l-intimat, ma sar ebda rikors minn xi parti fil-kawża sabiex jintalab li l-kawża tkompli ssir f'isem l-eredi preżunt jew preżunti tal-mejjet, u għalhekk ai termini ta' l-artikolu 810B tal-Kap 12, il-kawża għandha tkompli f'isem il-mejjet.

Rat li l-kawża ġiet differita għas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**Xhieda prodotta**

**PS 698 Shaun Tabone** spjega bil-ġurament tiegħu li fis-6 ta' Ġunju 2014 għall-ħabta tas-sagħtejn u nofs daħal rapport l-għassa tar-Rabat Għawdex dwar inċident ħdejn l-Arkadia. Qal li huma u ħerġin mill-għassa kien hemm xi nies li qalulhom biex iħaffu għax kien jidher li kien hemm xi ħadd f'qagħda kritika, u meta marru fuq il-post sabu karozza f'nofs tat-triq u mutur mal-art. Maġenb il-mutur kien hemm Joseph Grech, fejn kienu tawh l-assistenza meħtieġa sakemm ġiet l-ambulanza. Ix-xhud ppreżenta rapport dwar l-inċident u tenna jgħid li peress li Joseph Grech kien fil-periklu tal-mewt, hu kien avża lill-Ispettur fejn imbagħad inħatret inkjesta maġisterjali u għalhekk l-investigazzjoni dwar l-inċident kompliet mil-*court experts*. Kompla jixhed li nhar l-inċident ħa l-verżjoni tax-xufier tal-karozza fejn ġie ddikjarat li Joseph Grech kien għaddej bil-mutur fi Triq Fortunato Mizzi direzzjoni lejn l-għassa tal-pulizija filwaqt li l-karozza kienet ħierġa mil-parking ta' ħdejn il-*Mc Donalds*. Ix-xhud qal ukoll li hu ra *CCTV footage* minn *camera* imwaħħla fejn il-ħanut ta' Flamingo li minnu jidher li l-karozza involuta fl-inċident ħarġet wara van tal-bank biex taqsam għan-naħa l-oħra tat-triq.

Nhar il-25 ta' April 2019 kompla jixhed in kontro eżami fejn spjega li ma kienx hemm dettalji tal-mutur fir-rapport minħabba li kellu *number plates* barranin, u li hu ma għamilx verifiki fuq in-*number plates* għax is-sewwieq tal-mutur qaleb fil-periklu tal-mewt bil-konsegwenza li ħadu *over* il-każ il-*court experts* tant li lanqas kien għamel verifiki fuq *insurance* u liċenzja. Xehed li jiftakar li meta marru fuq il-post hu kien ra lil attur bid-demm ħiereġ minn ħalqu.

Xehed ir-rikorrenti **Joseph Grech** permezz ta' l-affidavit fejn spejga li huwa li kawża tal-inċident li seħħ fis-6 ta' Ġunju 2014, hu ma jiftakar kważi xejn, ħlief li kien għaddej bil-mutur ħdejn l-Arkadia direzzjoni Victoria u li qam l-isptar. Xehed li kawża ta' l-inċident huwa kien fil-periklu tal-mewt. Spjega li mic-CCTV jidher ċar li l-konvenut Gauci ħareġ mil-parkeġġ mingħajr ma' ħa prekawzjonijiet u kawża ta' hekk huwa ġarrab diversi ġrieħi u li ma' tantx għandu memorja dwar dak iż-żmien. Stqarr li dam tliet xhur imur fiżjoterapija darbtejn fil-ġimgħa u għadu jmur sal-lum, filwaqt li żied jgħid li qatt ma' hu ser jerġa jkollu l-moviment kollu ta' spalltu. Xehed li wara l-inċident kien ikun ħafna drabi stordut u ma kienx ikun jista' jorqod bir-riżultat li anke sar dipendenti għal ħafna affarijiet fuq il-familjari u ukoll ma setgħax ikompli b'xogħolu ta' mastrudaxxa. Qal ukoll li wara l-inċident ma setgħax ikompli bil-passatempi tiegħu ta' sport u jaħdem fl-għalqa għax fiżikament ma jistax. Filfatt ma setgħax jibqa' jsuq muturi. Spjega li kellu 3 muturi, li wieħed minnhom diġà biegħu, ieħor poġġih għall-bejgħ u t-tielet wieħed hu l-mutur tal-inċident li huwa kien niżżel mil-Amerika, li kien jiswa' $15,000 apparti $600 spejjeż tat-trasport biex ġabu Malta u €2,700 spejjeż ta'reġistrazzjoni u taxxi. L-attur ikkonkluda l-affidavit billi qal li wara l-inċident ħajtu nbidlet totalment u ma għadx għandu kwalità ta' ħajja tajba.

In kontro eżami nhar it-28 ta' Ġunju 2018, l-attur xehed li l-inċident affetwalu l-memorja u ma jiftakarx x'ġara nhar l-inċident. Qal li kien xtara l-mutur fl-1997 meta kien jgħix New York u mbagħad ġab il-mutur miegħu Malta. B'referenza għax-xogħol, huwa spjega li kien waqaf jaħdem minn meta kellu inċidenti fuq il-post tax-xoghol, kawża ta' liema, huwa jirċievi ammont tad-*disability* mingħand l-*insurance*, bejn wieħed u ieħor xi elf u mitt

ewro kull xahar. Xehed li wara l-inċident beda wkoll jieħu xi benefiċċji ta' madwar erbgħa mitt ewro mil-gvern ta' Malta filwaqt li spjega li kemm qabel kif ukoll wara l-inċident hu baqa jgħix f'appartament bil-kera.

Nhar it-22 ta' Frar 2019, l-attur Joseph Grech kkonferma li d-*disability benefit* li kien qed jieħu mil-Amerika kienu rigwardanti problemi ta' saħħa u ma kellhomx x'jaqsmu mal-inċident li kellu fuq il-post tax-xogħol meta kien jaħdem l-Amerika.

Xehed ukoll l-ispettur **Bernard Charles Spiteri** fejn spjega li hu l-ispettur investigattiv dwar l-inċident tas-6 ta' Ġunju 2014, mil-liema irrizulta li kien hemm inċident bejn vettura tat-tip *Daihatsu Terios* u mutur bi pjanċi barranin, liema mutur kien għaddej bi dritt minn Triq Fortunato Mizzi direzzjoni lejn it-Tiġrija, filwaqt li l-vettura *Daihatsu Terios* kienet ħierġa mil-parking ta' ħdejn l-Arkadia biex taqsam għall-pjazza John F Kennedy. Qal li hu kien eleva CCTV mingħand il-ħanut Flamingo u liema *footage* qiegħed fil-pussess tal-*court experts*. Kompla jgħid li mill-*footage* li ra, iż-żewġ vetturi kienu qed jinstaqu waqt il-ħin tal-inċident.

In kontro eżami, nhar l-4 ta' Ottubru 2018, ix-xhud xehed li fir-rapport li hu għamel jidhru biss id-dettalji tal-vettura ta' Emanuel Gauci filwaqt id-dettalji tal-mutur ma jidhrux għax peress li l-mutur kellu pjanċi barranin dan ma setgħax idaħħlu fis-sistema iżda jiftakar li l-attur kien qalilhom li kellu *insurance* iżda ma jiftakarx l-isem tal-kumpanija tal-assigurazzjoni, filwaqt li kkonferma li l-attur kellu wkoll liċenzja valida tas-sewqan.

**Dr. Joseph Farrugia** xehed b'referenza għall-file mediku tar-rikorrenti fejn qal li jidher nhar is-6 ta' Ġunju 2014, Joseph Grech iddaħħal l-isptar permezz ta' ambulanza wara li kien involut f'inċident bil-mutur u daħal bis-segwenti kundizzjonijiet; qasma fil-ġilda ta' żewġ ċentimetri fic-*chin*, *bruising lesion of left shoulder*, u *deformity of right forearm*. Kien ukoll *disoriented in time and place* imma mhux *disoriented in person*. Xehed li l-ksur fl-id tal-lemin kien f'iktar minn biċċa waħda, iżda nhar it-8 ta' Ġunju 2014 kienet saret *manipulation* fuq id Joseph Grech fejn iddritawhielu u għamlulu *plaster*. Żied jgħid li dak inhar kienu ttieħdu diversi CT scans lir-rikorrenti u mis-CT scan tal-brain irriżulta *post craniotomy* kawżata mill-fatt li kellu xi intervent qabel mhux relatat mal-inċident, iżda kawża tal-inċident irriżultaw *multiple fractures of the maxillary sinuses*, *ethimoid cells fracture*, *fracture of the right zygoma* u *fracture of the hard pallette*. Ix-xhud spjega wkoll li mis-*CT scan* tal-*spine* ma rriżulta xejn, filwaqt mis-*CT scan* tat-*thorax* irriżulta *undisplaced fracture of the right upper mandibular ramus*. Kompla jgħid li nhar l-inċident fis-7pm ir-rikorrenti kien *fully concious and stable*, filwaqt li kompla jgħid li l-istess kellu *left upper arm badly bruised with haematoma* u kienu rawh diversi speċjalisti. Spjega li meta ddaħħal l-isptar tawh doża normali ta' *pain killer*, iżda fl-10pm ġie ordnat li Joseph Grech jingħata l-morfina bħala *pain killer* iżda għal xi raġuni din ma ngħatatx. Xehed li nhar it-8 ta' Ġunju r-rikorrenti kellu vista mad-*dental* fejn ma ġie rrapurtat xejn ħażin filwaqt li ken dam l-isptar speċjalment fl-ITU.

**Mary Rose Grech**, oħt Joseph Grech, xehdet permezz tal-proċedura tal-affidavit li nhar l-inċident ħuha Raymond ċemplilha u qalilha li Joseph kien involut f'inċident u qiegħed l-isptar f'kundizzjoni gravi. Spjegat li hi u sejra l-isptar għaddiet minn fejn sar l-inċident

u rat il-mutur ta' Joseph taħt karozza. Meta wasslet l-isptar rat lil ħuha muġugħ u kważi irrikkonoxibbli, fejn kellu ħafna ksur u beda jobżoq ħafna demm. Qalet li r-rikorrenti kien għamel xi erba' jew ħamest ijiem l-isptar u wara kien joqgħod fis-sodda għax ma kellux saħħa. Spjegat li l-inċident kien ukoll affetwalu l-memorja. Spjegat li wara l-inċident Joseph Grech kien mar joqgħod ma' ommu u missieru fejn kienu jgħinuh għal kollox, inkluż biex jinżel it-taraġ. Żiedet tgħid li minn wara l-inċident ir-rikorrenti ma baqax l-istess, tant li tilef ħafna saħħa, u ma setgħax ikompli b'ħajtu kif kien jgħixha qabel, kif ukoll li l-mutur ma jistax jiġi rranġat.

In kontro eżami nhar il-25 ta' Mejju 2018, ix-xhud xehdet li hi ma ratx l-inċident iseħħ, u li hi marret l-emerġenza fejn rat lill-attur bla saħħa u li ma setgħax jara sew, liema kondizzjoni kienet biss temporanja għal ftit żmien wara l-inċident. Kompliet tgħid li minn wara l-inċident ġiet affetwata l-memorja tal-attur stess, fejn qiegħed jinsa ċertu affarijiet. Madanakollu xehdet li din hija xi ħaġa li ma' tistax tikkonferma hi għax hi qed toqgħod fuq dak li jgħidilha ħuha l-attur filwaqt li żiedet tgħid li għal xi żmien wara l-inċident kien ibati biex jitla' u jinżel it-taraġ.

**Raymond Grech** xehed permezz tal-proċedura tal-affidavit u spjega li hu ma kienx ra l-inċident iseħħ iżda ra l-ħsara li ġarrab il-mutur li ġie f'kundizzjoni *total loss*. Qal li meta mar l-isptar bil-kemm setgħa jgħarraf lil ħuħ l-attur sforz il-ġrieħi li kellu, fosthom rasu minfuħa sew kif ukoll spalltu maqlugħa minn postha. Spjega li ħuħ tilef xi snin fl-inċident u kien mar għamilhom foloz għand dentist. Kompla jgħid li peress li ħuħ ma setgħax isuq kienu hu u ħutu li jieħdu lill-attur l-isptar u sussegwentament ma kienx ta' waħdu u mar joqgħod għand ommu, u sforz din id-dipendenza anke l-*partner* tiegħu kienet telqitu. Tenna li ħajjet ħuħ inbidlet totalment wara l-inċident, tant li ma tantx għadu joħroġ u li lanqas għadu jmur miegħu sal-għalqa u jagħmel il-passatempi li kellu. Xehed li kawża ta' l-inċident, ħuħ waqa wkoll fi problemi finanzjarji tant li qiegħed joqgħod f'appartament minn tiegħu stess b'kera baxxa.

Nhar il-25 ta' Meju 2018 xehed in kontro eżami Raymond Grech. Spjega li ħuħ kien dilettant tal-muturi u kien ġab l-istess mutur mil-Amerika, liema mutur kien *custom made*. Spjega li wara li ċemplulu l-pulizija javżawh bl-inċident, hu mar l-isptar fejn qagħad hemmhekk xi siegħa u wara mar fuq il-post tal-inċident u ra li l-mutur u t-trakk kienu għadhom fuq il-post ta' l-inċident, bil-mutur imwaħħal wieqaf ġot-trakk, u bl-istess trakk kien diġà qabeż il-*lane* tan-nofs direzzjoni lejn Pjazza Kennedy. Kompla x-xhieda tiegħu fejn qal li hu ma rax l-inċident iseħħ u li ħuħ kien sofra nuqqas ta' vista temporanjament kif ukoll kellu ħass ħażin. Tenna li wara l-inċident ħuħ għandu bżonn xi għajnuna pero xorta baqa' indipendenti. Spjega li ħuħ qatt ma ħadem minn meta kien ġie mil-Amerika, fejn fl-istess pajjiż kien waqaf mix-xogħol għax kellu inċident fuq il-post tax-xogħol u ta' dan jircievi beneficcji tad-diżabilita kull xahar. Ix-xhud kkonferma li ħuħ għandu problemi finanzjarji, kawżati mill-inċident, tant li ħuħ kien qed jirreġistra forsi jieħu xi għajnuna, filwaqt li beda jirranġa l-mutur. Temm ix-xhieda tiegħu billi qal li ħuħ Joseph baqa f'kuntatt mal-persuna li kien tah l-ewwel għajnuna dakinhar ta' l-inċident.

**Marc Mizzi** xehed permezz tal-proċedura ta' l-affidavit fejn spjega li huwa dilettant tal-muturi u dakinhar ta' inċident huwa kien semgħa mutur tat-tip Chopper u kif semgħu, dar u rah. Kompla jgħid li l-mutur misjuq mill-intimat kien għaddej b'veloċita' normali ta' madwar erbgħin kilometru fis-siegħa meta ħarġet vettura mil-parking ta' Arkadia u tajret il-mutur peress li din il-vettura ma waqfitx. Skont ix-xhud, mutur ħabat fil-*mudguard* tal-vann u li s-sewwieq tal-mutur baqa jitkaxkar taħt il-mutur, tant li hu u xi ħadd ieħor mar għall-ewwel għajnuna fuq is-sewwieq tal-mutur. Tenn jgħid li s-sewwieq kellu wiċċu mfarrak u li mal-art kien hemm xi snien kif ukoll demm.

Ix-xhud xehed in kontro eżami nhar l-1 ta' Marzu 2018 li nhar l-inċident hu kien qed jiekol fil-ħanut *Mojos* fejn ra l-inċident iseħħ; ra Jeep ħierġa minn fuq l-*stop sign* u kif qabżet nofs it-triq il-mutur daħal fil-jeep. Insista li hu ma rax lil vettura jeep tieqaf fuq *stop sign* iżda jista jkun li kien żbaljat. Kompla jgħid li tal-mutur daħal fil-karozza fuq il-*front left mudguard*. Xehed li hu ma kienx jaf lil Joseph Grech iżda wara l-inċident sar jafu għax baqgħu f'kuntatt peress li hu kien tah l-ewwel għajnuna.

Xehed **Emanuel Gauci** li nhar l-inċident mar bil-karozza tiegħu tat-tip Toyota lewn ċelesti fil-parking ta' ħdejn l-Arkadia. Huwa ġabar lin-neputija, ħares tliet darbiet u peress li ma rax traffiku, ħareġ bil-mod biex jaqsam għall-faċċata. Huwa kompla jgħid li hu ma ra lil ħadd jaħbat ġo fih iżda sema' l-ħoss, u dan ġara fil-*lane* tal-karozza telgħin direzzjoni katidral, jiġifieri kien qasam il-*lane* tal-karozzi neżlin l-isfel. Tenna jgħid li meta sema' l-ħoss waqaf u niżel jara x'ġara, u ra lil Joseph Grech mindud fuq il-mutur, f'liema ħin huwa nnota wkoll li l-istess Joseph Grech qas kien liebes *crash helmet*. Kompla x-xhieda tiegħu billi qal li hu kellu ħsara ta' elf u ħames mitt Ewro (Eur 1,500), li kienu jikkonsistu fi ħsara fuq il-bumper u fuq ir-rota u temm ix-xhieda tiegħu billi kkonferma li hu qatt ma ra lill-mutur ġej u ma jafx kif il-*warden* kiteb li hu kien rah fl-*accident report*.

Il-konvenut xehed in kontro eżami nhar it-13 ta' April 2018 li nhar l-inċident hu mar jiġbor lin-neputija mil-*Lyceum* u wara li rikbet fil-karozza hu kien iċċekja jekk hux ġej traffiku u wara li ma ra lil ħadd ġej, ħareġ mil-parking. Qal li l-mutur qatt ma rah u l-ewwel darba li rah, kien wara li kien ħabat ġo fih, bil-mutur jibqa' dieħel fuq ir-rota ta' quddiem wara li huwa kien diġà qasam għal-*lane* l-oħra. Huwa nnega li wara l-inċident hu kien fi stat ta' xokk u qal ukoll li Joseph Grech ma kienx liebes *crash helmet*.

**Margaret Muscat** xehdet nhar id-19 ta' Jannar 2018 li nhar l-inċident hi kienet passiġġiera fil-karozza ta' nannuha Emanuel Gauci, u kkonfermat li qabel ma' ħareġ mil-*parking*, nannuha kien iċċekkja li ma kien ġej ħadd u wara li ħarġu minn fuq l-*istop sign* u kien qabżu nofs it-triq, hi semgħet ħoss ta' irrejżjar. Meta ħarset rat lill-mutur dieħel ġo fihom. Ix-xhud temmet ix-xhieda tagħha billi qalet li wara ftit minuti ta' *shock* hi ħarġet mill-karozza fejn rat lix-xufier tal-mutur ma' l-art, li ma kien liebes l-ebda *crash helmet*, u li kien b'wiċċu mkisser.

In kontro eżami, xehdet li dakinhar ta' l-inċident hekk kif ġew biex joħorġu mill-*parking* hi ħarset il-fuq u l-isfel u ma ratx karozzi ġejjin, u tenniet tgħid li l-mutur ma ratux iżda semgħet ħoss tiegħu u kif ittawlet seħħ l-inċident. Skont ix-xhud, il-mutur baqa' dieħel

fil-karozza wara l-passiġġier, u x'ħin ħarġet mil-karozza rat l-mutur maqlub fuq ix-xufier li kellu xi dmija u li kien bla *helmet*. Hija sahqet li minn naħa ta' isfel kull ma kien hemm kienet karozza li kienet dieħla ġo *parking*.

**Rapporti mediċi**

Il-Perit Mediku Carmel Sciberras ppreżenta r-rapport tiegħu a folio 38 – 43 tal-proċess u konkluda li l-attur ġarrab ħsara fit-tessuti rotob ta' madwar l-ispalla leminija filwaqt li fid-driegħ tax-xellug ma ġarrab l-ebda ħsara permanenti. Huwa kkonstata li l-polz juri ftit nuqqas ta' movement u hu wkoll sfurmat. Osserva li l-ksur kien daħal fil-ġog u għalhekk l-attur jista' jiżviluppa l-artrite qabel il-waqt (*post-traumatic arthritis*) li tnaqqaslu aktar il-movimenti u b'possibilita li jiżdiedlu l-uġigh. Huwa kkalkula diżabilita ta' 7% u ċioe 3% fl-ispalla l-leminija u 4% fil-polz tal-lemin.

Il-Perit Mediku Joseph Xuereb (vide a folio 196 – 202 tal-proċess) irraporta li "*the injuries are compatible with a blow to the face caused by a traffic accident, a CCTV video of which has been viewed by the undersigned. The treatment provided was carried out competently and in line with then-current guidelines and the costs were fair. Mr. Grech has regained the use, function and aesthetics of the damaged anterior tooth but is still missing the same aspects, albeit in different order of priority, of the upper right premolar",* filwaqt li naqas milli jistabbilixxi percentaġġ ta' disabilita. Madanakollu fix-xhieda tad-19 ta' Ġunju 2019 l-espert kkonkluda komputazzjoni ta' diżabilita ta' 6%.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija kawża fejn l-attur Joseph Grech qiegħed jitlob dikjarazzjoni ta' responsabilita' u ħlas ta' danni wara inċident awtomobistiku li ġara fis-6 ta' Ġunju, 2014 fi Triq Fortunato Mizzi Victoria, Għawdex. Skont l-attur, huwa kien qiegħed isuq il-mutur tiegħu bin-numru ta' reġistrazzjoni barranija 54 FT28 fid-direzzjoni lejn l-għassa tal-pulizija tar-Rabat Għawdex, meta ħarġet vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni HBD 574, misjuqa mill-konvenut. Skont l-attur, hu baqa' dieħel fuq in-naħa ta' quddiem tax-xufier, bil-konsewgenza li huwa sofra diversi ġrieħi u danni. Xhud okulari Marc Mizzi ukoll xehed dwar dak li ra jsehh quddiem għajnejh liema xhieda tikkorrabora dak li qed isostni l-attur u ċioe' li għal dan l-inċident, kien responsabbli l-konvenut.

Da parti tiegħu, il-konvenut qed jikkontesta li huwa kien responsabbli għal dan l-inċident u insista li huwa kien żamm *a proper look out* mentri l-inċident seħħ minħabba nuqqasijiet da parti ta' l-istess attur. In fatti, il-konvenut xehed u insista li huwa ma rax lill-attur isuq fid-direzzjoni tar-Rabat u ħareġ minn ħdejn l-Arkadia, fejn imbagħad l-attur baqa' dieħel fuq in-naħa ta' quddiem tal-vettura misjuqa minnu u ċioe mal-*mudgard* tan-naħa tal-passiġġier. Il-verżjoni tal-konvenut ġiet ukoll ikkorraboratha mix-xhieda mogħtija mill-passiġġiera li kienet fil-vettura misjuqa mill-konvenut fil-ħin ta' l-inċident, u ċioe' min-neputija ta' l-istess konvenut.

F' dan l-istadju, issir referenza għal ġurisprudenza rapportata fis-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-1 ta' Marzu 2023 fl-ismijiet Carmel Brincat (K.I. Nru. 349654M) vs. Christian Borg (K.I. Nru. 315493M) u b'digriet tat-8 ta' Mejju, 2017 ġiet awtorizzata tintervjeni fil-kawża in statu et terminis is-soċjetà Mapfre Middlesea Insurance plc (C 5553) fejn ġie ribadit:

*«L-obbligu li sewwieq iżomm proper lookout ingħatat tifsira f'diversi insenjamenti tal-Qrati tagħna. Hekk per eżempju f'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, fl-ismijiet Il-Pulizija vs. J.M. Laferla fis-17 ta' Ġunju, 1961, ingħad illi:*

*"min ma jarax dak li raġonevolment għandu jara, ifisser li ma kienx qed iżomm 'a proper lookout'."*

*Sentenza mogħtija minn Qorti barranija ta' spiss tiġi ċċitata mill-Qrati tagħna hija dik fl-ismijiet Neuhaus vs. Bastion Insurance Co. Ltd. (1968, (1) SA 398 (A) 405H - 406A), fejn l-obbligu li jinżamm 'a proper lookout' ġie mfisser bħala:*

*"Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead. It includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road, from side to side, and in the case of a road passing through a built-up area, of the pavements on the side of the road as well."*

*Fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Anthony Spiteri deċiża fil-21 ta' Mejju 1960, ġie ritenut illi: "Driver ta' karozza għandu innegabbilment, fost oħrajn, żewġ doveri: wieħed, dak li jżomm a proper lookout għall-vejikoli, pedestrians, u road-users oħra; l-ieħor, dak illi waqt is-sewqan hu jkun f'pożizzjoni tali li jkollu f'kull ħin kontroll sewwa tal-vejikolu.*

*Il-Qorti osservat "ma għandux jintesa illi l-aċċidenti stradali huma ta' spiss kwistjoni ta' disattenzjoni ta' split second u l-kontinġenzi tat-traffiku jistgħu jkunu subitanei u inaspettati. Dan hu ċertament sewqan negliġenti; u ma jistax biex jeskludih il-fatt illi t-triq kienet wiesgħa u illi traffiku ieħor ma kienx hemm fit-triq, u ċ-ċirkostanzi l-oħra tal-mument ... għal sewqan negliġenti ma hemmx bżonn tal-vjolazzjoni ta' normi ġuridiċi speċifiċi, imma biżżejjed li jkun hemm negliġenza, fis-sens ta' nuqqas ta' 'prudenza ordinarja' li wieħed għandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali."*

*Fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet Joseph Zammit vs. Joseph Bonello et deċiża fl-1 ta' Marzu 2011,sar riferiment għal diversi insenjamenti ġurisprudenzjali, sabiex ġie stabbilit li kien hemm nuqqas ta' prudenza fis-sewqan li għandu jwieġeb għaliha is-sewwieq: "Illi fir-rigward ta' proper lookout dan il-kunċett ifisser ferm aktar milli sewwieq ikun qed iħares 'il quddiem jew li jkollu viżwali ċara, iżda s-sewwieq irid ikollu 'an awareness of his immediate vicinity' u ċioé li s-sewwieq irid ikun jaf x'qed jiġri madwaru u mhux sempliċiment iħares 'il quddiem b'mod ċass jew isuq bil-mod (Ara wkoll P. Spiteri vs R. Caruana App 5/10/98; Maria Vella Galea vs Oresta Sammut App. 5/10/98; Dr Remigio Zammit Pace vs C. Grima, App. Inf. 16/05/97; A. Gatt vs M. Shephard, App. Inf. 07/05/98). Għalhekk kull sewwieq irid jirregola s-sewqan tiegħu skont il-kundizzjonijiet u ċirkostanzi li jkun fihom, bħal ma huma l-ħin tal-ġurnata, il-viżwali ostakolata bid-dlam u bix-xita, l-istat tal-art, il-volum*

*tat-traffiku u rapporti oħra kontinġenti (Ara. Vol. XLVI pi p 112). Fin-nuqqas, ikollu jwieġeb għall-imprudenza tiegħu meta jseħħ inċident stradali."*

Fid-dawl ta' dawn l-insenjamenti, din il-Qorti qieset il-provi kollha prodotti. Din il-Qorti setgħet tara d-dinamika ta' l-inċident permezz tad-DVD li ġie ppreżentat fil-kawża mill-liema rriżulta li waqt li l-vettura misjuqa mill-konvenut ħarġet minn ħdejn l-Arkadia (u ċioe' minn side street) sabiex taqsam iż-żewġ karreġġjati u tidħol fi Pjazza Kennedy, il-mutur kien qiegħed jinstaq fid-direzzjoni lejn ir-Rabat u meta kien fil-karreġġjata tiegħu ħabat mal-vettura misjuqa mill-konvenut.

Illi minn dan kollu din il-Qorti hija konvinta li dan l-inċident ġara tort tal-konvenut għaliex ma kienx attent u naqas li jara l-vetturi li kienu qiegħdin jinstaqu fil-karreġġjata tan-naħa tax-xellug tat-triq u ċioe fid-direzzjoni lejn ir-Rabat Għawdex, u fil-fatt ma rax lill-attur jsuq fl-istess parti tat-triq. Din il-Qorti ma tistax ma tinnotax li din it-triq tagħti lok għal viżwal fit-tul u għalhekk in-nuqqas tal-konvenut huwa iktar lampanti. Il-verżjoni ta' l-istess konvenut nfisha sservi xejn inqas minn konferma li huwa ma kienx attent għal dak li kien qed iseħħ fil-karreġġjata tan-naħa tax-xellug tat-triq. Mill-filmat eżebit jidher ben evidenti li kienet il-vettura misjuqa mill-konvenut li baqgħet ħierġa u invadiet il-karreġġjata minn fejn kien għaddej il-mutur bil-konsegwenza li seħħ l-impatt. Huwa minnu li l-manuvra li għamel il-konvenut u ċioe' li minn fejn il-parking ta' ħdejn l-Arkadia jaqsam għal Pjazza Kennedy kienet permissibbli iżda tali manuvra setgħet biss issir wara li tinżamm id-debita *lookout* mis-sewwieq u wara li jiġi aċċertat li tali manuvra ma kinitx ser tikkaġuna xi periklu lil utenti tal-karreġġjati. Dan in-nuqqas ta' *proper lookout* kien dak li wassal biex seħħ dan l-inċident.

Fil-mument li seħħ l-impatt jidher ċar mill-filmat eżebit, li l-vettura misjuqa mill-intimat kienet qasmet l-ewwel karreġġjata biss iżda kienet għadha kemm invadiet il-karreġġjata l-oħra li minnha kien għaddej l-attur bil-mutur tiegħu. Mhuwiex minnu li l-vettura misjuqa mill-konvenut kienet ġia' bdiet dieħla fi Pjazza Kennedy hekk kif qed jallega l-konvenut fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu.

Din il-Qorti ma tqisx li ġie ppruvat li l-attur kien qiegħed isuq b' xi veloċita' eċċessiva. In fatti, meta jiġi eżaminat bir-reqqa l-filmat, jirriżulta li dak li seħħ kien li l-konvenut baqa ħiereġ u għamel din il-manuvra mingħajr ma żamm id-debita kawzjoni u prudenza. Il-qorti qieset ukoll li l-ħsarat sofferti fil-vettura tal-konvenut jirriżultaw mill-current incident report eżebit li kienu fil-*bonnet, front left door, front left wing, front left wheel* u *left side mirror*. Dawn kollha jindikaw li l-impatt seħħ mal-parti ta' quddiem tal-ġenb tal-vettura tal-konvenut u mhux mal-parti ta' wara u għalhekk jidher ċar li mhuwiex minnu li l-vettura tal-konvenut kienet ġia' qabdet il-linja għal Pjazza Kennedy.

Apparti l-allegazzjoni ta' veloċita' eċċessiva, il-konvenut qajjem l-argument li l-attur ma kienx liebes *crash helmet*. Kemm il-konvenut u n-neputija tiegħu xehdu f' dan is-sens, filwaqt li l-attur qed jinnega li huwa kien qed isuq bla *crash helmet*. Illi għalhekk din il-Qorti jeħtieġ li teżamina jekk kienx hemm negligenza kontributorja da parti ta' l-attur.

"*"Negligence depends on a breach of duty, whereas contributory negligence does not. Negligence is a man's carelessness in breach of duty to others. Contributory negligence is a man's carelessness in looking after his own safety. He is guilty of contributory negligence if he ought reasonably to have foreseen that, if he did not act as a reasonable prudent man, he might hurt himself.*" (Buckley, The Modern Law of Negligence; App. Camilleri v. Direttur Edukażżjoni 11/12/2006)

Illi kif ġja pronunzjat "*biex ikun hemm negligenża kontributorja f'materja ta' kollizjoni hemm bżonn illi n-negligenża ta' min jirreklama d-danni tkun tali li mingħajrha l-kollizzjoni ma kenitx issir; imma meta din in-negligenża tkun tali illi min jiġi biex iħallas id-danni seta' jevita dawk id-danni bl-eżercizzju tal-kura ordinarja, allura r-responsabilita tal-kollizzjoni taqa' fuq il-konvenut*" – **"Carmelo Grech pro et noe –vs- Michael Azzopardi"**, Prim'Awla, Qorti Civili, 8 ta' Jannar 1947 (Vol XXXII pI pI). Dan iwassal għall-eżami biex jiġi determinat jekk l-attur kienx hu wkoll fi ħtija.

Illi huwa veru illi mhux kull aġir jitqies inġustifikat. Hekk ukoll hu paċifiku illi mhux kull kontravenzjoni tas-sewqan għandha titqies bħala element kontributur. B'danakollu fejn din il-kontravenzjoni tkun ipprovokat l-inċident jew ikkontribwiet għalih, huwa ġust li l-Qorti tieħdu in konsiderazzjoni biex tistabilixxi l-addebitu tar-responsabilita'.

Din il-Qorti ma tqisx li mill-provi prodotti quddiemha, l-attur b' xi mod ikkontribwixxa għal dan l-inċident u/jew għal ġrieħi li sofra.

**Kunsiderazzjonijiet – Danni**

Illi l-attur qiegħed jitlob kumpens kemm għal damnum emergens kif ukoll għal lucrum cessans.

F' dan ir-rigward, din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-18 ta' April, 2023 fl-ismijiet Bryan David Cassar (K.I. Nru. 0308772(M)) Vs Mario Friggieri (K.I. Nru. 0529972(M)) fejn intqal:

*«L-artikolu tal-liġi li jirregola dan l-aspett tal-azzjoni Attriċi huwa artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili li jiddisponi hekk:*

*"(1) Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-għemil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-għemil seta' jġib:*
*Iżda fil-każ ta' danni li jkunu kawżati minn reat kriminali, li ma jkunx reat involontarju, u biss fil-każ ta' delitti li jaffettwaw id-dinjità tal-persuni taħt it-Titolu VII tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali u ta' delitti volontarji kontra l-persuna li jkunu soġġetti għal piena ta' mill-inqas tliet snin priġunerija taħt it-Titolu VIII tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-istess Kodiċi, sal-limitu massimu ta' għaxart elef euro (€10,000) jew sa dak il-limitu massimu kif il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' b'regolamenti jistabbilixxi kemm dwar l-ammont massimu kif ukoll dwar kif jiġi*

*komputat skont il-każ, id-dannu li jrid jiġi riparat għandu jinkludi wkoll il-ħsara morali u, jew psikoloġika kkawżati li-rikorrent.*

*(2) Is-somma li għandha tiġi mogħtija għal din l-inkapaċità tiġi stabbilita mill-qorti, wara li tqis iċ-ċirkostanzi tal-każ, u, b'modpartikolari, ix-xorta u grad ta' inkapaċità ikkaġunata, u l- kondizzjoni tal-parti li tbati l-ħsara."*

*Dan ifisser li f'sens ġenerali d-danni jaqgħu f'żewġ kategoriji u ċioe' telf effettiv (damnum emergens) u telf fil-ġejjieni ossia futur (lucrum cessans).»*

Il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili spjegat ukoll fis-sentenza tagħha tal-14 ta' Marzu 2023 fl-ismijiet Adrian Xuereb (ID 0024271M) vs Daniel Alexander Shaw Savill (0195211L) U Untours Insurance Agents Limited (C-5655) għal kull interess li jista jkollha li:

*«Jibda biex jingħad, li f'każ ta' risarċiment ta' danni, bħal dak li qed jitlob l-Attur, il-prinċipju bażiku jibqa' dejjem dak li dan jitqiegħed fil-posizzjoni li kien qabel linċident. Fi ftit kliem huwa applikabbli l-prinċipju tar-restitutio ad integrum. (Ara Sentenza tal-Prim'Awla per Imħallef Lino Farrugia Sacco tal-5 ta' April, 2011 fl-ismijiet Mario Caruana -vs- Marsovin Ltd). Ovvjament irid ukoll jittieħed kont tal-kontributorjeta' da parti tal-Attur jekk dejjem ikun il-każ.*

*Artikolu 1045 (1) tal-kodiċi Ċivili, jistabilixxi x'tip ta' danni għandu jwieġeb għalihom il-persuna li tkun responsabbli għall-inċident li jkun ikkawża bi ħsara għal ħaddieħor. Id-danni jikkonsistu fit-telf effettiv (damnum emergens) u t-telf ta' qligħ li tbati 'l-quddiem minħabba inkapaċità (lucrun cessans).»*

**Damnum Emergens**

Jirriżulta illi għal dak illi jirrigwarda danni sofferti riżultat tal-inċident, ossija damnum emergens, ir-rikorrenti jikkontendi li kawża ta' l-incidenti, huwa tilef il-mutur tiegħu tal-marka *Harley Davidson* bin-numru ta' reġistrazzjoni barranija 54 FT28, liema mutur ingħata l-valur ta' € 9,000 u *salvage value* ta' €1,000 minn Jason Portelli Garage a folio 463 – 465 tal-proċess. Dan ir-rapport ġie sussewgentement ikkonfermat bil-ġurament tiegħu mill-attur fis-seduta tat-3 ta' Diċmebru 2021. Irriżulta wkoll minn dokument a fol 465 illi l-valur aħħari huwa dak ta' €8,004.38c. Ġialadarba jirriżulta mill-istess rapport u anke mix-xhieda ta' l-attur, li l-mutur in kwistjoni ma jissewwix, u ġialadarba din il-Qorti hija konvinta li l-mutur kellu valur ta' €9,000 filwaqt li minnhom irid jitnaqqas €8,000 u ċioe' l-valur tal-iskrapp tal-mutur (li skont l-istess attur qiegħed fil-pussess tiegħu hekk imfarrak ġol-garaxx tiegħu), il-Qorti sejra tordna li l-bilanċ li għandu jitħallas lill-attur fir-rigward ta' dan il-mutur huwa ta' **€8,000.** Din il-Qorti ma tqisx li l-attur għandu jiġi kkumpensat għal xi nefqa oħra li għamel biex irnexxielu jġib il-mutur ġewwa Għawdex mill-Amerka jew għal xi spejjeż li huwa nkorra għar-reġistrazzjoni ta' dan il-mutur ġewwa Għawdex.

B'referenza għall-ispejjeż inkorsi mir-rikorrenti għand id-dentist fl-ammont ta' **€5,830**, kif jirriżulta mir-rapport tad-dentista Dr Marion Farrugia a folio 53 – 54 tal-proċess, il-Qorti tqis illi tali ħlas huwa wieħed ġustifikat, u għalhekk l-attur għandu jiġi rimbursat

taghhom. Dan qiegħed jingħad anke in vista tal-fatt li l-Perit Tekniku tal-Qorti fir-rapport tiegħu tenna li tali interventi kienu neċessjarji, u għalhekk huma ġustifikati.

Għalhekk, bħala 'damnum emergens', l-ammont illi għandu jiġi rifuż lir-rikorrenti għandu jammonta għal tlettax-il elf, tmien mija u tletin Ewro (**€13,830.00**).

**Lucrum Cessans**

Għal dak li jirrigwarda t-telf ta' qligħ li ġarrab l-attur minħabba d-debilità permanenti sofferta minnhu, il-Qorti għandha tieħu in konsiderazzjoni varji fatturi. F' dan l-istadju ssir referenza għas-sentenza fl-ismijiet Emmeline Cini vs. Antione Cachia deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-18 ta' Frar 2013 fejn intqal:

*"Għalhekk il-Qorti għandha l-obbligu li teżamina t-telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċità, it-telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali li jinkorri fih id-danneġġjat; u dak it-telf ta' qligħ futur, ossia lucrum cessans, li d-danneġġjat ikun prekluż li jużufruwixxi minnu minħabba l-event sinistru kawża tal-għemil dirett tad-danneġġjant."*

Illi fid-data tal-inċident l-attur kellu 51 sena (tlett xhur wara kien ser jagħlaq 52 sena) u ġarrab ħsara fit-tessuti rotob ta' madwar l-ispalla leminija, l-polz ġieħ sfurmat u naqqas il-moviment fih b'possibilita li jiżdiedlu l-uġieh, kif kkonkluda l-Espert Mediku. In oltre l-inċident ħalla effett fuq is-snien ta' l-attur.

Illi minn dan kollu jirriżulta li l-inċident kellu mpatt negattiv fuq il-ħajja tal-attur u jirriżulta li fil-ġurisprudenza tagħna mxiet fid-direzzjoni li tillikwida lucrum cessans anke fil-każ odjern fejn l-attur mhux qiegħed ingaġġat f'impjieg *full time* iżda qiegħed jirċievi xi benefiċċju.

Illi fil-fatt ingħad fil-kawża "**Joseph Galea et vs Charles Fenech proprio et nomine**" (P.A. (N.A) - 16 ta' Marzu 2004) li '*huwa ben stabilit fil-gurisprudenza nostrana li l-kumpens ghal dizabilita' permanenti huwa dovut anke jekk persuna danneggiata ma titlef xejn mill-introjtu taghha – ara f'dan ir-rigward George Gatt vs Francis E. Carbone nomine deciza minn din il-qorti diversament komposta fis-7 ta' Lulju 1998 u diversi sentenzi ohra in materja*"

Illi dan ġie segwit f'diversi sentenzi fosthom fil-każijiet "**Joseph Smith vs Peter Grech**" (P.A. (AJM) – 4 ta' Ottubru 1995); "**Saviour Sammut et vs Robert Demanuele**" (P.A. (GV) – 12 ta' Lulju 2002; "**Slyvia Rosso vs Etiene Galea**" (P.A. JRM) – 3 ta' April 2003) "**Emanuel Buhagiar vs Kyle Stone et**" (P.A. (GV) – 28 ta' Frar 2007); "**Joseph Galea et vs Charles Fenech proprio et nomine**" (A.C. – 16 ta' Marzu 2004); u "**Francis Farrugia vs David Darmanin"** (P.A. (RCP) – 21 ta' Marzu 2002; fejn ġie ribadit il-prinċipju li persuna għandha tiġi kkumpensata tad-danni li sofriet tenut kont tas-sitwazzjoni attwali tagħha, b'dan li hija għandha dritt tgawdi minn stat ta' saħħa tajjeb li hija kellha qabel l-inċident.

**Entita' tad-dħul**

Jirriżulta li l-konvenut ma kienx jaħdem fil-mument ta' l-inċident. Nonostante dan, mill-atti proċesswali jirriżulta li l-attur kien għadu attiv fil-ħajja tiegħu fiż-żmien li seħħ l-inċident. Mill-provi jirriżulta li wara li seħħ l-inċident, l-attur m' għadx għandu saħħa jew possibilita' li jagħmel ċertu xogħol bħal li jmur jaħdem fl-għalqa.

Il-Qorti tqis li nonostante li rriżulta li l-attur kien jieħu xi benefiċċji soċjali mill-esteru, il-kalkoli li għandha tagħmel din il-Qorti għandhom ikunu fuq abbażi tal-paga minima nazzjonali f' Malta fiż-żmien li seħħ l-inċident. Dana qed jiġi deċiż in linea ma' l-istegwra ta' ġurisprudenza eżistenti f' każijiet fejn il-vittma jew kienet mara tad-dar, jew diżokkupata jew pensjonanta.

Il-Qorti sejra tibbaża d-dħul tar-rikorrenti għas-sena li fiha seħħ l-inċident fuq il-paga minima nazzjonali f' Malta fl-2014 li jirriżulta li kienet **€8,615.36c** (vide https://dier.gov.mt/en/About-DIER/Publications-and-Archives/Other%20Publications/Documents/resource%20pack%202014.pdf)

Jirriżulta illi tali paga trid tiġi aġġustata biex tagħmel tajjeb għar-rata ta' inflazzjoni, u skont ġurisprudenza nostrana (Vide Rik 745/2014 fl-ismijiet Anna Attard vs Malta Public Transport Services (Operations Limited) et deċiża fit-13 ta' Jannar 2021 u li minnha sar appell li għadu pendenti), għandhom jitqiesu l-medja ta' l-aħħar ħames snin. Jirriżulta illi fl-aħħar ħames snin ir-rata tal-inflazzjoni skont il-website uffiċċjali tal-Bank Ċentrali ta' Malta kienet kif ġej: 2018 – 1.2%; 2019 – 1.6%; 2020- 0.6%; 2021 – 1.5% u 2022 – 6.2%.

Jirriżulta, għalhekk, illi l-medja tar-rata tal-inflazzjoni li għandha tiġi kkunsidrata in linea ma' dak li qed jiġi deċiż mill-Qrati nostrana huwa ta' 2.22%. Il-Qorti hija konsapevoli li skont l-inflation rate target maħruġa b' mod uffiċċjali minn European Central Bank, din għandha tkun ta' 2% għall-Istati Membri taż-Żona Ewro, liema target qed isir in konnessjoni ma' medda ta' snin sottolinjata mill-istess bank.

Il-Qorti sejra taddotta r-rata tal-inflazzjoni ta' **2%.**

**Multiplier**

Din il-Qorti tagħmel referenza għal dak li qalet il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-18 ta' April, 2023 fl-ismijiet Bryan David Cassar (K.I. Nru. 0308772(M)) Vs Mario Friggieri (K.I. Nru. 0529972(M)):

*«Qabel ma l-Qorti tgħaddi biex tillikwida s-somma ta' danni li għandha tingħata lill-Attur bħala kumpens, huwa meħtieġ li jiġi mistħarreġ il-kejl li sejjer jittieħed dwar il-ġejjieni li fuqu t-talba attriċi sejra tinbena. Il-kwestjoni tal-multiplier li normalment jintuża bħala mezz biex it-telf ta' qligħ li jingħata lill-Attur jiġi kalkolat, hija waħda li dwarha l-Qrati tagħna f'dawn l-aħħar żminijiet flew sewwa.*

*Multiplier*

*10. Xi kittieba awtorevoli f'dan il-qasam ifissru l-multiplier bħala "a figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue - that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the 'contingencies' (i.e. that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred), and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of estimation in the light of the facts of the particular case and of other comparable cases" (Peter Cane, Atiyah's Accidents, Compensation and the Law ,6th Edit, 1999, paġ. 128).*

*11. Huwa wkoll stabbilit li l-multiplier għandu jibda jitqies minn dak inhar li seħħ l-inċident li fih il-vittma tkun ġarrbet il-ġrieħi u mhux minn dak inhar li l-Qorti tasal għal-likwidazzjoni. Minbarra dan, il-bixra ta' ħsieb wara Sentenzi ta' dawn l-aħħar snin f'dan il-qasam qiegħda xxaqleb lejn ittneħħija ta' skemi riġidi li jistgħu jfixklu l-għoti ta' kumpens mistħoqq u xieraq għaċ-ċirkostanzi. Għar-raġunijiet li l-Qorti għandha tfittex qabel kull ħaġa oħra li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun ġarrab ħsara, u li terġa' tqiegħed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li kienet qabel l-inċident.*

*12. Illum huwa wkoll aċċettat u approvat mill-ogħla Qrati tagħna, li l-multiplier ikun jaqbel sewwa mal-eta' tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji. Iżda fis-Sentenza fl-ismijiet John u Laura konjuġi Ransley vs Edward u Lydia konjuġi Restall tal-25 ta' Jannar 2012 il-Qorti kellha dan xi tgħid: "Hawnhekk għandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien għal żmien twil ibbażat fuq il-prinċipji enunċjati fil-kawża Butler vs Heard deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri fit-22 ta' Diċembru, 1967. F'dik il-kawża intqal li fid-determinazzjoni tal-multiplier wieħed irid jieħu in kunsiderazzjoni c-'chances and changes of life', b'mod li dan il-multiplier ma jwassalx lid-danneġġjat li jieħu kumpens daqs li kieku baqa' jaħdem sad-data li jirtira, iżda l-figura tiġi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittieħed in kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna ddanneġġjata setgħet, fil-kors normali tal-ħajja tagħha, ma waslitx qawwija u sħiħa sa l-eta' tal-pensjoni".*

*13. Iżda l-figura użata għall-iskop tal-Multiplier mhux dejjem ingħatat l-istess tifsira, u lanqas ma dejjem ġew użati l-istess prinċipji. Dan kien wassal biex il-Qorti tal-Kummerċ fil-kawża Lambert vs Buttigieg deċiża fit-18 ta' April, 1963 kienet qalet hekk:*

*"f'din il-materja ta' lucrum cessans il-Qorti għandha tipproċedi b'kawtela kbira peress li l-qliegħ hu ħaġa ta' possibilta' u mhux ta' ċertezza u jkun jista' jonqos minn mument għall-ieħor anke għal kwalunkwe kawża materjali bħal mewt jew mard tad-danneġġjat."*

Fid-deċiżjoni mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet Emanuel Zahra vs. Patrick Vassallo, mogħtija fil-15 ta' Ottubru, 2003, intqal is-segwenti dwar il-kunċett tal-multiplier:

*"Fil-kalkolu tal-multiplier wieħed irid jieħu in konsiderazzjoni mhux il-life expectancy tad-decujus, iżda l-ħajja lavorattiva tiegħu, in-natura u s-saħħa tiegħu, li tista' tvarja minn bniedem għal bniedem*

*minħabba dawk iċ-ċirkostanzi li jissejħu 'the chances and changes of life'. Wieħed irid jeżamina l-earning capacity tal-individwu, rigward tal-mard kif kontro-bilanċjat mill-istat ta' saħħa tad-diżgrazzjat. Illi għalhekk il-multiplier m'għandux ikun bażat fuq l-aspettattiva tal-ħajja in ġenerali tad-danneġġjat, iżda fuq l-aspettattiva lavorattiva tiegħu u għandu jieħu in kunsiderazzjoni taċ-chances and changes of life."*

Illi f' Salvatore Mifsud vs. Carlo Camilleri, deciza mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Novembru 1983, ġie stabbilit ukoll li l-multiplier għandu jibda' jitqies minn dakinhar li seħħ l-inċident li fih il-vittma tkun ġarrbet id-dannu u mhux minn dakinhar li l-Qorti tasal għal-likwidazzjoni tas-somma li għandha titħallas bħala danni.

Il-Qorti qieset ir-regoli stabbiliti u suġġeriti fil-kawża Spiteri vs Fava deċiża fis-26 ta' Novembru 2012 fejn il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili użat tabella biex tikkalkola l-multiplier fejn għal vittmi ta' eta' bejn 51 sena sa 55 sena, ġie stabbilit li l-multiplier ma għandhux ikun ta' iktar minn 8. (Vide wkoll tabella indikattiva fil-kawża Anthony Azzopardi u ibnu Dominic Azzopardi vs Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta – P.A - 8.03.2012)

Jirriżulta illi meta seħħ l-inċident, l-attur kellu wieħed u ħamsin sena (51) u kien ser jagħlaq 52 sena tlett xhur wara. Dan jirriżulta mill-current incident repport eżebit a fol 27 et seq tal proċess minn fejn jirriżulta li l-attur twieled fit-18 ta' Settembru 1962.

Meta qieset l-insenjamenti riċenti ta' dawn il-Qrati u l-eta' pensjonabbli, din il-Qorti ser tkun qiegħda taddotta **multiplier ta' tmien (8) snin**.

**Id-Debilita Permanenti**

Fis-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-18 ta' April, 2023 fl-ismijiet Bryan David Cassar (K.I. Nru. 0308772(M)) Vs Mario Friggieri (K.I. Nru. 0529972(M)) intqal li:

*«F'dan ir-rigward il-Qorti mill-ewwel tagħmel referenza għasSentenza fl-ismijiet Evan Xuereb -vs- Vincent Spalding pro et tal-10 ta' Lulju 2002 tal-Prim'Awla fejn fir-rigward ta' kif jiġu komputati u likwidati d-danni tagħmel użu mis-segwenti kriterji:*

*(i) Li l-fehmiet tal-perit mediku maħtur mill-Qorti għandhom iservu bħala mira għall-finijiet ta' likwidazzjoni ta' danni. Din il-mira hija fis-sens li l-perċentwali ta' debilita' hija meqjusa b'mod globali, fuq kif u kemm l-Attur sejjer ikun affettwat 'il quddiem fl-attivitajiet tiegħu u f'saħħtu. Kemm hu hekk, huwa stabbilit mill-Qrati tagħna li għal dak li jirrigwarda l-perċentwali ta' diżabilita', dak li jrid jiġi stabbilit m'huwiex il-grad ta' inkapaċita' f'sens purament mediku, iżda l-effett li l-ħsara personali għandha fuq il-qligħ talpersuna midruba.*

*(ii) Li, sabiex tkun tista' tasal biex tillikwida somma ta' danni xierqa u mistħoqqa bħala kumpens, huwa ta' siwi ewlieni u għal kollox desiderabbli li, safejn possibbli, tkun taf il-ħsara mġarrba mill-vittma kemm sejra tolqot lill-istess vittma fl-assjem tal-attivita' tagħha kollha u mhux biss fl-użu ta' dik il-parti tal-ġisem li tkun indarbet. B'dan il-mod, il-Qorti temmen fis-sħiħ li tkun qiegħda tevita li*

*tasal għal-likwidazzjonijiet li jew ikunu sproporzjonati mal-ħsara sħiħa li l-vittma tkun ġarrbet tassew, jew iwasslu għall-possibilita' li l-vittma "takkumula" perċentwali ta' debilita' li donnhom "jippremjawha" kumulativament b'mod sempliċement matematiku talli tkun korriet f'aktar minn organu wieħed. Dan jidher li japplika iżjed f'dawk li huma każijiet imsejħin bħala "partial wreck cases", fejn il-midrub ma jitlifx għal kollox il-ħila u s-setgħa li jibqa' jaħdem u jagħmel ħafna mill-attivitajiet li kien iwettaq qabel l-inċident.»*

Illi l-Perit Mediku Carmel Sciberras kkalkula diżabilita ta' 7% u ċioe 3% fl-ispalla l-leminija u 4% fil-polz lemini, filwaqt li l-Perit Mediku Joseph Xuereb kkonkluda komputazzjoni ta' diżabilita ta' 6%. Din il-Qorti tqis li m'hemm l-ebda raġuni għalfejn għandha tiddipartixxi mill-konkluzzjonijiet raġġunti mill-esperti mediċi.

Issir referenza għal darb' oħra għal dak li ntqal mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-1 ta' Marzu 2023 fl-ismijiet Carmel Brincat (K.I. Nru. 349654M) vs. Christian Borg (K.I. Nru. 315493M) u b'digriet tat-8 ta' Mejju, 2017 ġiet awtorizzata tintervjeni fil-kawża in statu et terminis is-soċjetà Mapfre Middlesea Insurance plc (C 5553):

*«Fil-każ odjern kienu tlieta l-ispeċjalisti mediċi li rrelataw dwar il-grad ta' debilità permanenti sofferta minnu konsegwenza tal-inċident. Mill-provi prodotti jirriżulta li r-rikorrent qiegħed isofri minn debilità permanenti ortopedika ta' 6%, debilità permanenti estetika ta' 5%, u debilità permanenti psikjatrika ta' 12%. Il-Qorti hawnhekk tqis li jkun utili li tagħmel riferiment għal dak li qalet il-Qorti tal-Appell f'sentenza fl-ismijiet Brian Micallef vs. Brian Tyre Services et (deċiża fil-31 ta' Jannar 2014):*

*"Skont il-ġurisprudenza meta persuna ssofri diversi gradi ta' diżabilità permanenti għandu jiġi adoperat il-kriterju magħruf bħala weighted average, fejn id-diversi gradi ta' diżabilità permanenti riżultanti jiġu kkunsidrati in relazzjoni mal-persuna fiżika sħiħa mingħajr ebda preżunzjoni a priori li l-multipliċità tal-feriti jiġu komputati komplessivament. Bil-weighted average, għandu jittieħed bilanċ tar-riżultanzi talesperti mediċi biex dan ikun jirrifletti aħjar is-sitwazzjoni reali tad-danneġġjat (Cassar Pullicino noe et vs Xuereb et, App. 20.02.2009)."*

*Fis-sentenza fl-ismijiet Frendo vs Cachia (deċiża fl-20 ta' April 2009 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili), il-Qorti saħqet illi:*

*"Dak li jrid jiġi stabbilit ma huwiex il-grad ta' inkapaċità fis-sens purament mediku, iżda l-effetti li l-ħsara personali għandha fuq il-qligħ tal-attur danneġġjat."*

*Mill-kalkolu li għamlet il-Qorti, il-weighted average tad-debilitajiet permanenti sofferti mir-rikorrent jagħtu debilità globali ta' 16.4%. (Ara Regolament 3 tad-Draft Regulations for Assessment of Damages for Death or Incapacity – "Assessment Regulations" tal-2010 maħruġa mill-Ministeru Responsabbli għall-Ġustizzja, fejn il-formula li qiegħda titħaddem hija: (100-12/100)x5+12 (skont l-ogħla u l-anqas rata ta' debilità permanenti stabbilita mill-esperti mediċi).»*

Din il-Qorti qieset ukoll dak li qalet il-Prim' Awla fil-kawża deċiża fid-19 ta' Mejju, 2022 fl-ismijiet Carmel sive Charles Taliana (K.I. 286269M) vs John Tonna u Phillip Tonna u b'digriet tal-21 ta' Marzu 2018 intervjeniet fil-kawża s-soċjetá Argus Insurance Agencies

Limited (C-597) għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetá estera Argus insurance Company (Europe) Limited in statu et terminis u b'digriet tat-8 ta' Ġunju 2021 l-istess soċjetá Argus Insurance Company (Europe) Limited (OC1216) assumiet l-atti tal-kawża minflok Argus Insurance Agencies Limited:

*«F'dan il-każ għandha żewġ rapporti u għalhekk trid tasal għal weighted average bejn iż-żewġ rapporti.*

*Dwar dan il-prinċipju il-ġurisprudenza tgħallem illi fejn il-persuna danneġġjata jkollha diversi debilitajiet, huwa normali illi l-Qorti tasal għal weighted average fir-rigward tal-perċentwal ta' diżabilita`. Hawnhekk issir referenza għasSentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet Joseph Bartolo et -vs- George Zammit, deċiża fit-30 ta' April, 2001, fejn meta il-Qorti f'każ ta' numru ta' debilitajiet, sabet ma' wiċċha diversi perċentwali ta' debilita' kkummentat hekk:*

*" Din id-diffikulta' ġejja wkoll mill-fatt li The fixation of damages is so largely a matter of opinion or of impression that differences of calculation or assessment are to be expected. There is to some extent an exercise of judicial discretion. Per Morris L.J. in Scott v Musial."*

*Fis-Sentenza tal-Prim'Awla fl-ismijiet M. Caruana -vs- G Camilleri tal-5 ta' Ottubru 1993, il-Qorti fid-deliberazzjonijiet tagħha dwar dan il-prinċipju għamlet referenza għas-sentenza Butler -vs- Heard fejn intqal li "dak li jrid jiġi stabbilit ma huwiex il-grad ta' inkapacita' f'sens purament mediku, iżda l-effett illi l-ħsara personali għandha fuq il-qliegħ tad-danneġġjat." Dan il-prinċipju kien adottat ukoll, fis-Sentenza tal-31 ta' Jannar, 2014, fil-kawża fl-ismijiet Brian Micallef -vs-. Brian Tyre Services Limited, fejn f'każ ta' persuna li sofriet minn diversi debilitajiet konsegwenza ta' inċident li ġarrbet, issemmiet il-ħtieġa li tiġi stabbilita weighted average:*

*"Skont il-ġurisprudenza meta persuna ssofri diversi gradi ta' diżabilità permanenti għandu jiġi adoperat il-kriterju magħruf bħala weighted average, fejn id-diversi gradi ta' diżabilità permanenti riżultanti jiġu kkunsidrati in relazzjoni mal-persuna fiżika sħiħa mingħajr ebda preżunzjoni a priori li lmultipliċità tal-feriti jiġu komputati komplessivament. Bil-weighted average, għandu jittieħed bilanċ tar-riżultanzi tal-esperti mediċi biex dan ikun jirrifletti aħjar is-sitwazzjoni reali tad-danneġġjat (Cassar Pullicino noe et vs Xuereb et, App. 20.02.2009)."*

*Fl-aħħar nett, f'Sentenza aktar reċenti ta' din il-Qorti tal-Appell tas-6 ta' Ottubru, 2020, fil-kawża fl-ismijiet Silvan Farruġia -vs- Carmelo Gatt et ingħad hekk fir-rigward:*

*"Illi l-artikolu 1045 tal-Kodiċi jagħmilha ċara illi l-komputazzjoni tad-danni issir bażi tad-danni patrimonjali soffert minn dik il-persuna, u għalhekk il-Qorti bilfors trid tallaċja l-komputazzjoni tal-weighted average mal-impatt illi d-diversi menomazzjonijiet li sofra l-appellant jista' jkollhom fuq il-kapaċita lavorattiva u l-qliegħ futur tiegħu. Fil-fatt hija ġurisprudenza kostanti tal-qrati Maltin illi l-perċentwali ta' disabilita` li trid tiġi stabbilita ma tirriflettix il-grad ta' inkapaċita` f'sens purament mediku iżda fuq l-effett illi din għandha fuq il-qliegħ tad-danneġjat."*

*Fid-dawl ta' dan it-tagħlim u tal-fatti li għandha quddiemha din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li il-wieghted average huwa dak sittax fil-mija diżabilta' (16%).»*

Fid-dawl ta' dan l-insenjament, din il-Qorti tasal biex tikkalkola r-rata ta' debilita' permanenti għal **10%.**

**Lump Sum Payment**:

Ġie ritenut b' mod kostanti bħal fis-sentenza fl-ismijiet Scicluna vs Meilaq deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Lulju 2001, li l-ammont dovut bħala danni lukri ċessanti jkun irid jitnaqqas b' 20% minħabba li l-ħlas isir f' darba (*lump sum payment*) f' dawk il-każijiet fejn ikun għadda żmien qasir bejn l-inċident dannuż u s-sentenza finali. Iżda fil-kawża Caruana v. Camilleri deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 ta' Ottubru 1993, intqal li f' kawzi li ħadu għadd ta' snin biex jinqatgħu, għandu jkun hemm tnaqqis ta' 2% għal kull sena ta' dewmien sakemm il-kawża kellha eżitu finali.

Imbagħad fis-sentenza Agius v. Fenech deċiża fid-29 ta' Ottubru, 2003, ġie wkoll osservat li dan il-<u>lump sum payment</u> m'għandux awtomatikament jitnaqqas skont kemm iddum il-kawża: "*jekk id-danneġġant ma jkollux ħtija fid-dewmien tal-kawża, m'għandux ikun hemm tnaqqis fil-lump sum deduction*" –.

Terġa' ssir referenza għal dak li ntqal mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tagħha tal-14 ta' Marzu 2023 fl-ismijiet Adrian Xuereb (ID 0024271M) vs Daniel Alexander Shaw Savill (0195211L) U Untours Insurance Agents Limited (C-5655) għal kull interess li jista jkollha:

*«Fis-Sentenza tal-Prim'Awla fl-ismijiet Mizzi -vs- Azzopardi tas-16 ta' Diċembru 2004 is-somma ġiet ridotta bi 18% għax kienu għaddew tliet snin, waqt li fil-kawżi fl-ismijiet Spiteri -vsZammit Tabona App Ċiv Sup tas-16 ta' Marzu tal-1999 u Caruana A - vs- Camilleri App Ċiv Sup tas-27 ta' Frar 2004, minħabba li għaddew 8 snin tnaqqas b'10%. 10% ġie mnaqqas ukoll fis-Sentenzi fl-ismijiet Galea -vs- Piscopo PA 3 ta' Ottubru 2003, 5% f'Scicluna vs Meilaq PA 16 ta' Lulju 2001 u 0% fil-kawżi Turner -vs- Agius App Ċiv Sup 28 ta' Novembru, 2003, Bonnici -vs- Gauci PA 15 ta' Settembru 1999 meta għaddew 15-il sena).»*

Din il-Qorti hija konsapevoli li f' sentenza mogħtija minnha stess hekk kif ippreseduta fl-ismijiet Vella Benigno vs WasteServ Malta Limited deċiża fid-9 ta' Frar 2021 fejn intqal:

*"Dwar il-lump sum deduction, skont il-ġurisprudenza nostrana l-Qorti għadha tnaqqas ilvalur ta' għoxrin fil-mija (20%) riżultat tal-fatt illi ser titħallas 'lump sum' lir-rikorrenti in linea ta' danni. Fil-ġurisprudenza nostrana, ddaħħlet ukoll prassi illi, wara tlett snin, minn tali persentaġġ jibda jitnaqqas perċentwali ta' tnejn fil-mija (2%) sabiex jiġi penalizzat id-dewmien tal-proċeduri. Il-kawża ġiet ippreżentata fl-2017 u ser tiġi deċiża fl-2021.*

*Din il-Qorti iżda tagħmel referenza għal dak li qalet il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Sharon Coleiro vs Ahmed Kamel Abdel Wahab Fatmalla et deċiża fit-12 ta' Jannar 2021 (u li minnha sar appell li għadu pendenti): "Kif diġa` ngħad minn din l-istess Qorti kif ippreseduta,*

*'mhix sejra, kif soltu jsir, tagħmel tnaqqis minħabba li qiegħda tingħata lump sum. Tnaqqis bħal dan kien jagħmel sens sa ftit tas-snin ilu meta l-banek kummerċjali kienu jagħtu sa madwar 5% għal depożiti fissi. Li kien ifisser li f'ċerti każijiet, il-vittma kienet tieħu permezz tal-imgħax, somma ekwivalenti għall-paga li kien ikollha li kieku ma seħħx l-inċident; u fl-aħħar mill-aħħar tibqa' bis-somma kapitali f'idejha. Dan iżda mhuwiex il-każ fiż-żminijiet tal-lum, fejn l-imgħax huwa prattikament negliġibbli, u l-kapital ikollu "jittiekel"; fi kliem ieħor jiġi kkunsmat.' Trevor Grech vs Lawrence Agius – Qorti Ċivili, Prim'Awla, 17 ta' Ottubru 2018) Il-Qorti sejra għalhekk ma tagħmel l-ebda tnaqqis minħabba li qed tingħata lump sum."*

Għalkemm minn din is-sentenza ma sar l-ebda appell, din il-Qorti hija konsapevoli wkoll li din il-kwistjoni dwar lump sum payment reduction hija mertu ta' appelli li għadhom pendenti. Il-Qorti qieset ukoll iċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, fejn kellhom jerġgħu jitressqu xi provi wara li l-istadju tal-provi kien ingħalaq, kif ukoll id-diffikolta' li rriskontrat din il-Qorti biex tkun tista' tara l-filmat. Il-Qorti tqis li għal dik li hija riduzzjoni stante l-'lump sum payment' il-Qorti rat li l-inċident seħħ f' Ġunju 2014 mentri l-kawża ġiet intavolata f'Diċembru 2014 u qed tasal għal konklużjoni tagħha f'Mejju tas-sena 2023. Għalhekk jirriżulta li mid-data tal-inċident għaddew disa' snin. Il-Qorti qieset ukoll iċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, fosthom (i) meta ġew ippreżentati r-rapporti tal-esperti mediċi, (ii) li wara li tħalliet għas-sentenza fis-sena 2021, nġabu provi ġodda, u (iii) li ħadd ma ppreżenta rikors wara l-mewt tal-konvenut *pendente lite,* u għalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti għandhu jitnaqqas biss persentaġġ ta' **4%**.

**Kalkolu Finali**

Ikkunsidrat dawk il-kalkoli u konsiderazzjonijiet kollha kif fuq magħmula, għandu jirriżulta s-segwenti:

Jirriżulta minn dak fuq stabbilit, illi l-paga li għandha titqies għal fini tal-kalkoli, hija fis-somma ta' €8,615.36c. Jirriżulta illi r-rata tal-inflazzjoni li għandha tiġi kkunsidrata għandha tkun ta' 2%. Jirriżulta illi l-multiplier fuq stabblit huwa ta' tmien snin (8). Għalhekk, illi l-valur komplessiv tar-rata tal-inflazzjoni 2% fuq id-dħul ta' €8615.36c għal 8 snin għandu jkun ta' €1,378.46c. In linea ma' dak li ntqal fid-deċiżjoni Rik 745/2014 fl-ismijiet Anna Attard vs Malta Public Transport Services (Operations Limited) et deċiża fit-13 ta' Jananr 2021 (u li minnha sar appell li għadu pendenti), sabiex il-Qorti tasal għall-ammont ġust illi għandu jiġi kkunsidrat finalment għal fini ta' komputazzjoni, il-Qorti trid taqbad id-dħul tas-sena 2014, ossija €8,615.36c, żżid miegħu l-istess dħul miżjud bil-kalkolu tar-rata tal-inflazzoni, ossija €9,993.82c, u tasal għal media billi, wara li tgħaqqadhom flimkien u ġġib is-somma ta' €18,609.18c, tipproċedi billi tiddividieh fi tnejn, bir-riżultat ikun ta' €9,304.59c. Per konsegwenza, il-bażi tal-paga illi ser tintuża għal fini ta' komputazzjoni finali għandha tkun ta' €9,304.59c.

In vista tas-suespost, għandhom jirriżultaw s-segwenti elementi sabiex isir il-kalkolu finali:

a. Ir-Rata ta' Diżabbilta' hija ta' 10%.

b. Il-Multipier huwa ta' 8 snin.
c. Il-bażi tal-paga hija ta' €9,304.59c.

Ikkunsidrati dawna il-fatturi kollha, l-kalkolu għal Lucrum Cessans għandu jkun ta' €9304.59 x 10% x 8 – 4% bit-total ikun ta' **€7,145.93c**.

Magħdud ma' tali somma, għandhom jiżiedu l-ammont ta' **€13,830.00** ġia stabbiliti bħala Damnum Emergens.

Għalhekk, d-danni totali jammontaw komplessivament għal **€20,975.92c.**

**Decide**

Illi għalhekk għal dawn il-motivi, din il-Qorti, taqta' u tiddeċidi din il-kawża billi tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut filwaqt li tilqa' l-ewwel u t-tieni talba ta' l-attur; tilqa' t-tielet talba ta' l-attur u tillikwida id-dannu lilha kaġunat bl-imsemmi inċident tat-traffiku fl-ammont ta' **€7,145.93c** in rappreżentanza ta' lucrum cessans u €13,830.00 bħala damnum emergens, b'total ta' **€20,975.92c** u tilqa' r-raba' talba ta' l-attur waqt li tordna lill-konvenut iħallas lill-attur l-ammont hekk likwidat ta` **€20,975.92c.**

Tordna li l-ispejjeż kollha nklużi l-ispejjeż relatati ma' l-ittra uffiċċjali ta' Diċembru 2014 ikunu a karigu tal-konvenut.

(ft) Dr. Simone Grech
Maġistrat

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur

04.05.2023 – Sup107.2014 – Grech Joseph vs Gauci Emanuel
8780